MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Numru. 1037/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Mallia**

**VS**

**Maruska Attard, bint Albert u Eugenia nee' Zammit, imwielda tal-Pieta' nhar il-25 ta' Settembru, 1982, residenti fil-fond numru 7, Pjazza il-Beatu Falzon, Pembroke, San Giljan, detentrici tal-karta tal-identita' numru 520882M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Maruska Attard** li giet akkuzata talli:

- Nhar it-30 ta' Awwissu, 2006, f'San Giljan, ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija, flimkien ma' persuna

jew persuni ohra mhux maghrufa, ikkommettiet serq ta' hand bag kontenenti diversi oggetti fosthom flus kontanti u apparat cellulari tal-marka Samsung, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta' €232.93 izda inqas minn €2,329.37 u bil-hin, u li sehh ghad-detriment ta' Concetta Montalto.

Rat illi l-imputata wiegbet li ma kinitx hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputata ddikkjarat li ma kellhix oggezzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Ittellghu jixdu l-ufficcjali tal-pulizija dwar il-fatt dwar il-fatt illi kienu saru ricerki mal-Go Mobile wara li sar rapport mis-sinjura Montalto - id-derubata. Din ir-reat ta'serq kien sar kif xehdet is-sinjura Montalto waqt li hi kienet miexja f'San Giljan, minn hdejha ghaddiet karozza bir-registration LCF - ghax dak biss li ppercepiet hi mir-registration plate. Ghaddiet vicin taghha. Id-derubata Montalto xehdet illi fl-istess vettura kien hemm erba' minn nies u li ma kinitx taf hux ta' sess maskili jew femminili. Ftit wara ndunat li xi hadd mill-istess karozza kien gibdilha l-handbag u ddeskriviet il-kontenut tal-istess bhala nuccali, mobile, kellha wkoll ghoxrin Lira Maltin u affarijiet ohra. Qalet li l-valur tal-oggetti kollha derubati kien cirka mitejn Lira Maltin.

Kif gia' inghad, saru mill-ufficcjali tal-pulizija ricerki anke mal-Go Mobile u minn hawn gie stabbilit li dak il-mobile misruq bl-IMEI tieghu in partikolari, kien qed jintuza fuq linji ohra. Konsegwentement il-pulizija waslu b'hekk ghal min kellu l-pussess ta' dawn il-mobiles, u xehdu dawn in-nies anke minn fejn ingab dan il-mobile misruq.

Dan kollu wassal ukoll ghal Redent Ciantar, li kien fil-fatt il-persuna li kien xtara dan il-mobile minghand is-sinjura

Maruska u identifikha fil-fatt. Mhux xtrah, kien partu. Kien sar tpartit. Issa, dana kollu ovvjament wassal ukoll biex l-ufficcjali tal-pulizija anke esebew l-istqarrija ta' Maruska Attard, li pero' hija stqarrija mehuda bla dritt tal-assistenza legali. Ma jidhirx li mill-fedina penali - ghax il-Qorti strahet mal-insenjamenti stabbiliti fis-sentenza Kostituzzjonali ta' Charles Steven Muscat datata 08.10.2012, li din is-sinjura kellha xi fedina penali raffrettarja li tista' tiggustifika n-nuqqas tal-avukat difensur, u allura l-Qorti skartat dik l-istqarrija. Allura jibqa' dak li qal Redent Ciantar li hu bi tpartit gab il-mobile minghand l-imputata, u fil-fatt kien anke tah lil ohtu Miss Ciantar li kienet tuza l-istess mobile. Dawk huma l-provi li gew prodotti.

Kif jirrizulta, r-reat addebitat u l-uniku, huwa dak ta' serq. Minn imkien ma jirrizulta li dan gie ppruvat. Ghal xi raguni li ma tistax tifhem din il-Qorti, l-imputata ma gietx addebitata wkoll bir-reat tar-ricettazzjoni, kif solitament isir bhala reat alternattiv. Ta' dan ir-reat setghet tirrizulta htija!

Ghaldaqstant, Maruska Attard qieghda tigi liberata ghalhekk mill-akkuzi ta' serq migjuba kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------